Ninsabu f’nofs is-sajf: żmien il-vaganzi għal ħafna tfal u anki adulti li f’dan iż-żmien jieħdu pawża mix-xogħol tagħhom u jieqfu għall-mistrieħ. Iżda l-ħajja interjuri tagħna m’għandhiex pawżiet. Anki jekk minn barra jirnexxilna nieqfu, minn ġewwa moħħna jibqa’ jtektek bil-ħsibijiet tiegħu u qalbna tibqa’ tħabbat bis-sentimenti tagħha, li xi kultant jiġru bina u jħalluna bla mistrieħ. Avolja nieqfu mix-xogħol biex nistrieħu, xorta nibqgħu nitħabtu fi ħsibijietna u qalbna tibqa’ bla mistrieħ.

Jistax ikun li, flok nibqgħu naħsbu fuq x’ħa nagħmlu aħjar f’ħajjitna, għandna nieqfu nisimgħu ftit fuq x’qed nagħmlu bħalissa b’ħajjitna? U naħseb li l-opportunità li qed jagħtuna s-soċji tal-Mużew f’nofs is-sajf, hi okkażjoni tajba biex nieqfu nisimgħu u nitgħallmu xi ħaġa ġdida... għax kif kien jgħid Dun Ġorġ: “it-tagħlim hu l-għajn ta’ kull ġid”. U mhux ta’ b’xejn li l-oqsma tat-tagħlim sejħilhom “mużew”: għax fihom jinżamm dak kollu li għandu valur kbir għas-soċjetà.

U din hi l-isbaħ ħaġa li qed toffri s-soċjetà tal-Mużew: okkażjoni wara l-oħra ta’ tagħlim għal kulħadd, mhux għaż-żgħar biss. Għalhekk qed tiġi organizzata l-Ġimgħa Museumina mis-Sibt 2 sal-Ġimgħa 8 ta’ Awwissu. Sabiex mhux biss niftakru li fit-8 ta’ Awwissu tal-1965 infetaħ dan il-qasam tal-Museum għat-tagħlim tat-tfal, imma wkoll sabiex joffrilna oasi ta’ tagħlim u ġid f’nofs in-nixfa tas-sajf.

Ħafna huma rikonoxxenti lejn it-tagħlim li ħadu mill-Mużew, ibda minni stess; ma ninsa qatt dak li għallmuni huma għal ħajti. Għalhekk matul din il-ġimgħa Museumina ser niftakru fil-benefatturi ħajjin u mejtin li tant għenu l-qasam tagħna. Imma wkoll ser ikun hemm okkażjoni ta’ talb, kif ukoll diversi laqgħat interessanti, u anki l-mument tal-Play li żgur tħallilna tagħlima bi tbissima.

*L-Arċipriet Dun Krystof*

**Programm tal-Ġimgħa Museumina fil-MUSEUM tas-Subien**

**Is-Sibt 2 ta’ Awwissu fit-8.00pm:** Laqgħa għall-ġuvintur u Old Boys

**It-Tnejn 4 ta’ Awwissu fit-8.00pm:** Quddiesa ta’ Radd il-Ħajr. Iqaddes Dun Manwel Curmi

**It-Tlieta 5 ta’ Awwissu fit-8.00pm:** Taħdita dwar Dun Ġorġ u n-Nadur

**L-Erbgħa 6 ta’ Awwissu mit-8.30am:** Jum ta’ sport u attivitajiet għat-tfal, adolexxenti u żgħażagħ li jattendu l-Museum. Nispiċċaw b’party fit-8.00pm.

**Il-Ħamis 7 ta’ Awwissu fit-8.00pm:** Adorazzjoni. Imexxi l-Kappillan il-Kan. Dun Brian Mejlak

**Il-Ġimgħa 8 ta’ Awwissu fit-8.30pm:** Play ‘Oliver kif jiftakarha n-nannu’




**Ħinijiet tal-Katekiżmu fil-MUSEUM tal-Bniet**

Importanti li l-ġenituri jieħdu nota tat-timetable l-ġdida (2025-2026) ħalli jkunu jistgħu jibbukkjaw l-attivitajiet għal uliedhom b’mod li ma jaħbtux mat-tagħlim Nisrani fil-Mużew.

**L-Ewwel xift: mill-4.30pm sal-5.15pm**

Year 1 – il-Ħamis

Years 2 u 3 – it-Tnejn u l-Ħamis

Year 4 – it-Tlieta u l-Ġimgħa

**It-Tieni Xift: mis-5.45pm sas-6.30pm**

Year 5 – it-Tlieta u l-Ġimgħa

Year 6 – it-Tnejn u l-Ħamis

Year 7 – it-Tnejn u l-Ġimgħa

Year 8 ’il fuq – it-Tlieta u s-Sibt

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am